

Brussell, 29 ta' Novembru 2022
(OR. en)

15365/22

SPORT 51
ENV 1217
SOC 657
SUSTDEV 208
CLIMA 633
COH 114

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar infrastruttura sostenibbli u aċċessibbli tal-isport

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq, kif approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu fit-28 u d-29 ta' Novembru 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar infrastruttura sostenibbli u aċċessibbli tal-isport

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI MLAQQGĦIN FIL-KUNSILL,

FILWAQT LI JFAKKRU LI:

1. Il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità ta' Diċembru 2006 tippromwovi azzjoni li tippermetti lill-persuni b'diżabilità jipparteċipaw fuq bażi ugwali ma' persuni oħra f'attivitajiet sportivi u tistieden lill-Istati Partijiet biex jieħdu miżuri xierqa biex jippermettu dawn il-possibiltajiet.
2. Il-White Paper tal-Kummissjoni Ewropea ta' Lulju 2007 dwar l-Isport tappella biex il-potenzjal tal-isport jintuża għall-inklużjoni soċjali, l-integrazzjoni u l-opportunitajiet indaqs u tistieden lill-Istati Membri u lill-organizzazzjonijiet tal-isport biex jadattaw l-infrastruttura tal-isport skont il-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità.
3. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2018 dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni tal-UE permezz tal-isport jissottolinjaw li "in-nies kollha għandhom ikunu liberi li jipprattikaw l-isport u jħossuhom parti mis-soċjetà, u s-setturi differenti relatati mal-isport jistgħu jagħmlu kulma jistgħu biex irawmu l-integrazzjoni kif ukoll jipprovdu opportunitajiet indaqs għall-involvement fl-isport u jevitaw id-diskriminazzjoni u l-esklużjoni soċjali".
4. Fis-sejbiet ewlenin tar-rapport ta' Diċembru 2018 lill-Kummissjoni Ewropea intitolat "Mapping on Access to Sport for People with Disabilities" (Immappjar tal-Aċċess għall-Isport għall-Persuni b'Diżabilità), is-saħħa personali tajba, l-iżvilupp individwali u l-benesseri soċjali huma elenkati bħala benefiċċji tal-parteeċipazzjoni fl-isport għall-persuni b'diżabilità.

5. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2019 dwar l-aċċess għall-isport għall-persuni b'diżabilità jenfasizzaw li l-probabbiltà għall-persuni b'diżabilità li jkunu soġġetti għal żvantaġġi soċjoekonomiċi hija akbar u jistiednu lill-Istati Membri "jieħdu azzjoni biex jiżguraw l-aċċess tal-persuni b'diżabilità u mingħajr diżabilità għall-infrastruttura sportiva, inkluż l-attendenza f'avvenimenti sportivi, fit-taħriġ jew fil-parteċipazzjoni fl-isport".
6. Ir-rapport ta' Frar 2020 dwar l-Inizjattiva SHARE mill-Kummissjoni Ewropea dwar "Contribution of sport to regional development through sport 2021-2027" (Il-kontribut tal-isport għall-iżvilupp reġjonali permezz tal-Politika ta' Koeżjoni 2021-2027) jinsisti fuq l-iżvilupp infrastrutturali u spazjali ta' kwalità tal-infrastrutturi tal-isport bħala elementi li jwasslu għar-riġenerazzjoni urbana, għall-multiplikazzjoni tal-impjiegi u għall-inklużjoni soċjali.
7. Ir-Risoluzzjoni tal-Kunsill ta' Diċembru 2020 dwar il-Pjan ta' Hídma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sat-30 ta' Ġunju 2024 tinkludi, bħala objettiv ta' gwida, għarfien dwar il-kontribut importanti li l-isport jista' jkollu favur it-tkabbir soċjalment u ambjentalment sostenibbli tal-Ewropa.
8. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2021 dwar l-Innovazzjoni fl-Isport jirrikonoxxu li infrastrutturi innovattivi tal-isport, u l-proċessi għall-bini u l-manutenzjoni tagħhom, jistgħu, fost affarijiet oħra, jipprovdu kundizzjonijiet aħjar u aktar sikuri għall-isport u l-attività fiżika, filwaqt li jkunu aktar sostenibbli, iħarsu l-ambjent, aċċessibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija.
9. Il-Karta Ewropea tal-Isport Riveduta tal-Kunsill tal-Ewropa ta' Ottubru 2021 tappella għal imġiba ekonomikament, soċjalment u ambjentalment sostenibbli kif ukoll għall-prattika responsabbli ta' attivitajiet sportivi fil-magħluq u fil-beraħ. Is-sidien tal-infrastruttura tal-isport huma mitluba "jaġixxu b'mod proattiv biex jidentifikaw l-effetti u l-konsegwenzi tal-faċilitajiet tagħhom, jevitaw ħsara potenzjali lin-natura u, fejn meħtieġ, jieħdu kontromiżuri u miżuri protettivi kontra dawn ir-riskji".

10. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2021 dwar l-attività fiżika tul il-ħajja jenfasizzaw li "l-gruppi żvantaġġati¹ fil-gruppi tal-età kollha spiss ma jkunux fiżikament attivi biżżejjed minħabba inqas opportunitajiet u aċċess limitat".
11. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' April 2022 dwar "l-isport u l-attività fiżika, strumenti promettenti biex tinbidel l-imġiba favur l-iżvilupp sostenibbli", jenfasizzaw l-importanza li jiġi minimizzat "l-impatt negattiv tat-tipi kollha ta' attivitajiet sportivi fuq il-bijodiversità, l-ambjent, u d-dinamika tal-proċess li għaddej tat-tibdil fil-klima" u l-ħtieġa "li jiġi żgurat li s-settur tal-isport jagħti l-kontribut tiegħu għall-oġġettivi klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni Ewropea, kif stabbilit fil-Patt Ekoloġiku Ewropew".

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU LI:

12. L-infrastruttura tal-isport, bħala post fejn wieħed jipprattika l-isport u l-attivitajiet fiżiċi, tista' tikkontribwixxi biex ikunu jistgħu jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs)² tan-NU f'diversi oqsma. Dawn jinkludu għanijiet fir-rigward tas-sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika.
13. L-isport u l-infrastruttura tal-isport jaffettwaw u jiġu affettwati wkoll mit-tibdil fil-klima. L-effetti tat-tibdil fil-klima jistgħu jwasslu għal ħsara fil-bini u f'infrastruttura oħra tal-isport minħabba fenomeni bħal maltempati vjolenti jew għargħar, ħsara fuq l-ucuh tal-logħob ikkawżata minn kundizzjonijiet ta' temp estrem, erożjoni kostali, jew nuqqas ta' borra bħala riżultat taż-żieda fit-temperaturi assoċjata mat-tiżhin globali. Dan iwassal għal tnaqqis fl-għadd ta' postijiet fejn jista' jiġi prattikat l-isport³ u disponibbiltà mnaqqsa tal-bqija tal-infrastruttura tal-isport.

¹ Definizzjoni skont l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE): "gruppi ta' persuni li jesperjenzaw riskju oġġla ta' faqar, esklużjoni soċjali, diskriminazzjoni u vjolenza mill-popolazzjoni ġenerali, inkluż, iżda mhux limitat għal, minoranzi etniċi, migranti, persuni b'diżabililtà, persuni anzjani iżolati u tfal".

² Nazzjonijiet Uniti, Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-aġenda 2030 għall-iżvilupp sostenibbli, A/RES/70/1.

³ Qafas tan-NU dwar l-Isport għall-Azzjoni Klimatika, 2018.

14. Il-kostruzzjoni, ir-rinnovazzjoni, il-manutenzjoni u l-użu tal-infrastruttura tal-isport għandhom ukoll effetti ta' deterjorament fuq l-ambjent u l-klima peress li direttament jew indirettament jiġġeneraw emissjonijiet ta' gassijiet serra matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tagħhom⁴. Is-sostenibbiltà ġenerali tal-infrastruttura tal-isport tista' tiġi affettwata l-aktar mill-ippjanar⁵.
15. Il-proċess tal-ippjanar għal infrastruttura sostenibbli u aċċessibbli tal-isport fil-kostruzzjoni ta' infrastruttura ġdida, fir-rinnovazzjoni ta' infrastruttura eżistenti, jew fl-operazzjoni u l-manutenzjoni tagħha, għandu primarjament jirrifletti modi kif jiġu massimizzati l-kapaċità u l-effiċjenza enerġetika tagħha, fosthom il-kunċett ta' "disinn attiv"⁶, aċċess mingħajr ostakli, u l-użu mill-ġdid jew ir-riċiklaġġ ta' materjali u tagħmir. Għandu jkun hemm preferenza għal infrastruttura li tintuża matul is-sena kollha, b'mod partikolari l-infrastruttura tal-isport fil-beraħ, l-iżvilupp mill-ġdid ta' art mitluqa u l-konverżjoni ta' infrastruttura eżistenti mhux tal-isport f'infrastruttura tal-isport.
16. Peress li attwalment 12 % biss tal-materjali użati fil-kostruzzjoni fl-UE jiġu riċiklati⁷, huwa meħtieġ appoġġ biex il-materjali jintużaw mill-ġdid. Peress li l-infrastruttura tal-isport hija konsumatur ewlieni tal-enerġija u riżorsi oħra, l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet moderni u effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija għall-infrastruttura tal-isport mhux biss tikkontribwixxi għall-konservazzjoni tar-riżorsi iżda tista' wkoll twassal għal iffrankar ekonomiku bħala effett sekondarju pożittiv potenzjali.
17. Il-kriżi tal-enerġija attwali kkawżata, fost oħrajn, mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, tippreżenta sfidi sinifikanti u serji għall-infrastruttura tal-isport. Iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija tikkomprometti l-operazzjonijiet tal-infrastruttura tal-isport u l-opportunitajiet u l-kundizzjonijiet biex jiġu prattikati l-isport u l-attività fiżika. Dan ikompli jenfasizza l-importanza ta' soluzzjonijiet u prattiki sostenibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija b'rabta mal-infrastruttura tal-isport.

⁴ B'mod partikolari l-kostruzzjoni, l-operazzjoni, il-manutenzjoni kif ukoll id-demolizzjoni ta' infrastrutturi

⁵ L-Istitut Federali Ġermaniż tax-Xjenza tal-Isport, Linji Gwida għall-Kostruzzjoni ta' Faċilitajiet tal-Isport Sostenibbli, Kriterji għall-Kostruzzjoni ta' Swali tal-Isport Sostenibbli, 2021.

⁶ Fil-kuntest ta' dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill, "disinn attiv" tfisser: sett ta' prinċipji tal-bini u tal-ippjanar li jippromwovu l-attività fiżika.

⁷ EUROSTAT 39/2019, Rekord fir-rati ta' riċiklaġġ u fl-użu ta' materjali riċiklati fl-UE.

18. Minħabba l-kostijiet tal-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni tal-infrastruttura tal-isport, finanzjament li jkun ġej minn diversi sorsi jista' jappoġġa l-modernizzazzjoni tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tas-sostenibbiltà ambjentali u l-protezzjoni tar-riżorsi. Il-fondi disponibbli permezz ta' programmi tal-UE – b'mod partikolari l-FEŻR, il-FSE+ u l-RRF – jistgħu jikkontribwixxu għall-kostruzzjoni jew għar-rinnovazzjoni tal-infrastruttura tal-isport filwaqt li jissodisfaw l-oġġettivi tagħhom għal "Ewropa aktar ekoloġika u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju".
19. L-aċċessibbiltà tal-infrastruttura tal-isport hija fattur ewlieni biex jingħata aċċess ugwali u inklużiv għall-attività fiżika. L-attività fiżika u l-isport jistgħu jwasslu għal firxa wiesgħa ta' benefiċċji għall-individwi, il-komunitajiet u s-soċjetà inġenerali billi jikkontribwixxu għal-litteriżmu fiżiku, il-benesseri, is-saħħa mentali u fiżika tal-parteciċipanti u l-kapaċità tagħhom li jiżviluppaw ħiliet soċjali, u billi jtejbu r-rwol tan-nies fis-soċjetà. L-attività fiżika u l-isport iġibu benefiċċji mhux biss għall-individwi iżda wkoll għas-soċjetà kollha kemm hi⁸.
20. L-aċċess mhux diskriminatorju għall-infrastruttura tal-isport u għall-prattika ta' attività fiżika u tal-isport huwa dritt fundamentali indipendentement mid-diżabilità, l-età, l-etniċità, il-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, il-lingwa, ir-reliġjon, l-opinjoni politika jew opinjoni oħra, l-oriġini nazzjonali jew soċjali, il-proprietà jew kwalunkwe bażi oħra.
21. Id-disponibbiltà ta' infrastruttura aċċessibbli tal-isport tista' tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-parasport fuq livell lokali, nazzjonali u internazzjonali.

⁸ UNESCO, Il-Karta Internazzjonali dwar l-Edukazzjoni Fiżika, l-Attività Fiżika u l-Isport, SHS/2015/PI/H/14 REV, 2015.

22. L-aċċessibbiltà tal-infrastruttura tal-isport xi drabi tista' tkun limitata għall-atleti, il-kowċis, il-partitarji u persuni oħra biex l-infrastruttura tal-isport tintuża mingħajr l-ghajjnuna ta' parti terza. Dan għandu jiġi indirizzat permezz ta' politiki u kriterji rilevanti: jeħtieġ li jiġu fformulati politiki u kriterji dwar l-aċċessibbiltà mill-partijiet ikkonċernati involuti fil-proċess, bħall-awtoritajiet pubbliċi lokali, reġjonali u nazzjonali, kif ukoll il-moviment sportiv u l-persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, sabiex jiġi żgurat li l-persuni kollha b'diżabilità jkollhom opportunitajiet indaqs u aċċess ugwali biex jipparteċipaw fis-soċjetà u fl-ekonomija⁹.
23. Il-post fejn tinsab l-infrastruttura tal-isport għandu rwol vitali f'termini ta' aċċessibbiltà. In-nuqqas ta' infrastruttura tal-isport u informazzjoni dwar l-opportunitajiet biex jiġi prattikat l-isport jikkostitwixxu ostakli għall-prattika tal-isport¹⁰. Persuni f'ċerti żoni rurali, insulari jew remoti, bħar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE, jista' jkollhom inqas opportunitajiet biex jipprattikaw l-isport minħabba l-infrastruttura limitata tal-isport li jkollhom disponibbli. Dan jista' jkun il-każ ukoll f'żoni urbani b'densità għolja ħafna minħabba listi ta' stennija u limitu fil-kapaċità tal-infrastruttura tal-isport minħabba n-nuqqas ta' spazju biex tinbena infrastruttura ġdida. It-tqegħid għandu jkun ippjanat abbażi tal-ħtiġijiet u d-domanda tas-soċjetà, l-adegwatezza ta' post u l-aċċessibbiltà tiegħu permezz tat-trasport pubbliku jew forom attivi ta' mobbiltà (bħall-mixi jew iċ-ċikliżmu) li jistgħu jikkontribwixxu b'mod pożittiv għas-saħħa u l-ambjent.

⁹ Kummissjoni Ewropea, Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030, 2021.

¹⁰ Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura - Immappjar ta' prattiki innovattivi fl-UE għall-promozzjoni tal-isport barra mill-istrutturi tradizzjonali. Rapport finali lill-Kummissjoni Ewropea, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2021.

FILWAQT LI JENFASIZZAW DAN LI ĠEJ:

24. Bil-ħsieb tal-għanijiet ambizzjużi stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u fl-SDGs tan-NU, jeħtieġ li jiġi żgurat li l-isport u l-infrastruttura tal-isport jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà soċjali, ekonomika u ambjentali, għall-interazzjoni soċjali u għall-inklużjoni. Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, huma meħtieġa kooperazzjoni u konsultazzjoni transsettorjali mal-partijiet ikkonċernati rilevanti bħal persuni b'diżabilità, permezz tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, flimkien ma' azzjoni komuni u l-irfiġh tar-responsabbiltà mill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, fl-ippjanar, fil-konstruzzjoni, fir-rinnovazzjoni, fil-manutenzjoni u fl-użu tal-infrastruttura tal-isport.
25. Għan ewlieni biex tittejjeb is-sostenibbiltà tal-infrastruttura tal-isport huwa li jitnaqqas l-impatt negattiv fuq l-ambjent u l-bijodiversità matul il-fażijiet kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tagħha u li l-postijiet fejn tinsab l-infrastruttura tal-isport jiġu adattati għat-theddid klimatiku.
26. Fil-konfront tal-ħtieġa li tiġi modernizzata l-infrastruttura tal-isport u jiġu implimentati soluzzjonijiet sostenibbli, effiċjenti fl-użu tal-enerġija u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u miżuri ta' aċċessibbiltà, jeħtieġ li jiġu identifikati sorsi ta' finanzjament għall-konstruzzjoni u r-rinnovazzjoni ta' infrastruttura sostenibbli tal-isport. Il-promozzjoni tal-benefiċċji tal-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet sostenibbli tista' tiġġenera motivazzjoni u spinta għal bidla; dawn il-benefiċċji spiss jiġu sottolinjati matul l-ospitar ta' avvenimenti sportivi ewlenin. Finanzjament li jkun ġej minn diversi sorsi, inkluż l-użu ta' fondi eżistenti tal-UE, jista' jkun mod effettiv kif isir kontribut għal dawn l-oġġettivi.

27. L-iżgurar ta' aċċess għall-infrastruttura tal-isport huwa essenzjali għall-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità u minn sfondi, etniċitajiet, ġeneru, persuni b'orjentazzjoni sesswali, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali differenti u jista' wkoll joħloq sens ta' komunità.
28. Huwa importanti li jkun hemm aċċess mingħajr ostakli għall-infrastruttura tal-isport u għall-parteċipazzjoni f'attivitajiet sportivi u fiżiċi, b'mod partikolari għall-persuni b'diżabilità jew gruppi żvantaġġati oħra, sabiex kemm jista' jkun persuni jkunu jistgħu jgawdu l-benefiċċji li joffri l-isport.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI, FIL-LIVELL ADATT, BIEX:

29. Jappoġġaw l-aċċess ugwali għaċ-ċittadini kollha għal infrastruttura sostenibbli, estetika u inklużiva tal-isport biex taqdi l-attivitajiet sportivi kif ukoll il-komunitajiet u s-soċjetà kif imsemmi fil-valuri ewlenin tal-inizjattiva dwar il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida¹¹ tal-Kummissjoni.
30. Jikkunsidraw l-istabbiliment ta' oqfsa ta' politika, linji gwida, pjanijiet direzzjonali u inċentivi biex jiżguraw li l-infrastrutturi tal-isport privati u pubbliċi jsiru aktar sostenibbli u aċċessibbli għal kulħadd.
31. Jinkludu parametri¹² għal aċċessibilità fiżika u sensorjali adegwata għall-infrastruttura tal-isport fil-politiki sabiex titfassal infrastruttura tal-isport li tipprovdi aċċess mingħajr ostakli għall-isport għaċ-ċittadini b'rekwiżiti speċifiċi ta' aċċessibilità fiżika.
32. Jikkunsidraw l-iżvilupp ta' sistemi ta' kriterji ambjentali biex jimmonitorjaw l-impatt tal-klima fuq l-infrastruttura tal-isport matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħha, filwaqt li jqisu l-iskala ta' kull parti tal-infrastruttura tal-isport.

¹¹ Kummissjoni Ewropea, Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, COM(2021)573 final.

¹² Bħall-parametri msemmija fil-Gwida dwar l-Aċċessibilità tal-Komitat Paralimpiku Internazzjonali.

33. Jimmiraw li jinkludu kriterji ambjentali u ta' aċċessibbiltà bħala kriterji pożittivi biex jintuża finanzjament pubbliku għall-ippjanar, il-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni tal-infrastruttura tal-isport u li jappoġġaw miżuri għal soluzzjonijiet effiċjenti fl-użu tal-enerġija kif ukoll l-użu u l-użu mill-ġdid ta' infrastruttura u riżorsi eżistenti u soluzzjonijiet għall-ekonomija ċirkolari biex jiġi limitat l-użu ta' materjali ġodda u jiżdied ir-riċiklaġġ tagħhom fi ħdan l-ekonomija.
34. Jippromwov l-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti tal-isport u l-awtoritajiet pubbliċi, inkluż l-awtoritajiet ta' ġestjoni ta' fondi deċentralizzati tal-UE, biex jiġu appoġġati l-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni tal-infrastruttura tal-isport u jiġu esplorati opzjonijiet għall-kofinanzjament tagħhom.
35. Jikkontribwixxu għall-immappjar tal-infrastruttura tal-isport, b'mod partikolari billi jappoġġaw l-iżvilupp u l-użu ta' bażijiet ta' data li jkun fihom statistika dwar l-infrastruttura tal-isport (pereżempju, permezz ta' pjattaforma online) u jibnu passaporti tal-infrastruttura tal-isport sabiex tinġabar informazzjoni dwar l-infrastruttura tal-isport eżistenti fl-Istati Membri u l-karatteristiċi tagħha biex jiġu appoġġati l-ippjanar u l-għażla tal-post tal-infrastruttura tal-isport u jiġi massimizzat l-użu tagħha.
36. Jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' skemi ta' ġestjoni tal-kriżijiet għall-infrastruttura tal-isport biex jiġu evitati limitazzjonijiet operazzjonali li jirriżultaw minn avvenimenti mhux mistennija, bħall-pandemija tal-COVID-19, diżastri naturali jew kriżijiet tal-enerġija, u għall-implimentazzjoni ta' linji gwida dwar is-sikurezza u s-sigurtà biex jiġu protetti l-persuni kollha li jużaw l-infrastruttura tal-isport jew il-viżitaturi kollha tagħha.
37. Jappoġġaw l-identifikazzjoni u l-eliminazzjoni tal-ostakli għall-aċċess għall-infrastruttura tal-isport u jippromwov aċċess mhux diskriminatorju għall-persuni kollha, indipendentement mid-diżabbiltà, l-età, l-etniċità, il-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, il-lingwa, ir-reliġjon, l-opinjoni politika jew opinjoni oħra jew l-oriġini nazzjonali jew soċjali, u jikkondividu l-aħjar prattiki ma' Stati Membri oħra dwar miżuri sostenibbli.

JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI EWROPEA SABIEX:

38. Tippetromwovi l-kondiviżjoni tal-għarfien u l-aħjar prattiki, filwaqt li tesplora aspetti ġodda tal-ippjanar tradizzjonali bħat-trasformazzjoni u l-użu mill-ġdid ta' art mitluqa u ta' bini eżistenti f'infrastruttura tal-isport, trawwem ir-riċerka fl-innovazzjoni biex tappoġġa l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet sostenibbli matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-infrastruttura tal-isport permezz tal-programm Erasmus+ u tkompli tappoġġa inizzjattivi eżistenti bħall-Grupp ta' Esperti dwar l-Isport Ekoloġiku jew l-Inizzjattiva SHARE.
39. Tappoġġa l-iskambju tal-aħjar prattiki u tippetromwovi inizzjattivi biex jiġu indirizzati l-inklużjoni u l-opportunitajiet indaqs fl-aċċess għall-infrastruttura tal-isport.
40. Tiffaċilita l-esplorazzjoni ta' opportunitajiet biex il-finanzjament tal-UE jintuża għal infrastruttura sostenibbli tal-isport. Tinforma regolarment lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar l-opportunitajiet potenzjali ta' finanzjament tal-UE għal infrastruttura sostenibbli tal-isport biex jiġu ffaċilitati l-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni tagħha u tittejjeb l-aċċessibilità tagħha.
41. Tqis il-ħidma tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-iżvilupp ta' bażijiet ta' data u reġistri tal-isport fl-Istati Membri ma' atturi rilevanti oħra permezz tal-aħjar prattika u l-iskambju ta' għarfien u l-kondiviżjoni ta' data, inkluż data dwar l-impatt ambjentali, l-użu, id-daqs u l-aċċessibilità fl-inizzjattivi u l-proposti tagħha, inkluż fi ħdan il-Grupp ta' Esperti dwar l-Isport Ekoloġiku.
42. Tikkunsidra l-aċċessibilità ugwali għall-infrastruttura tal-isport f'konformità mal-Artikoli 9 u 30 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD)¹³ u l-SDGs tan-NU.

¹³ Nazzjonijiet Uniti, Dipartiment tal-Affarijiet Ekonomiċi u Soċjali - Persuni b'Diżabilità, Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, 2006.

JISTIEDNU LILL-MOVIMENT SPORTIV U LIL PARTIJET IKKONĊERNATI RILEVANTI
OĦRA BIEX:

43. Iqisu l-kriterji ta' sostenibbiltà¹⁴, inkluż il-kostijiet mistennija matul iċ-ċiklu tal-ħajja, għall-kostruzzjoni, ir-rinnovazzjoni, il-manutenzjoni u l-użu tal-infrastruttura tal-isport filwaqt li jirrispettaw il-forom varji tagħha, flimkien mal-ħtiġijiet tas-soċjetà u l-ambjent u r-rekwiżiti ta' kull post.
44. Fejn possibbli, iwettqu valutazzjoni tal-impatt ambjentali biex jevalwaw l-impatt tal-kostruzzjoni, tar-rinnovazzjoni u tal-operazzjoni tal-infrastruttura tal-isport fuq l-ambjent.
45. Kull fejn ikun possibbli, jikkunsidraw l-użu mill-ġdid ta' infrastruttura u riżorsi eżistenti u l-użu ta' soluzzjonijiet għall-ekonomija ċirkolari biex jillimitaw l-użu ta' materjali ġodda u jżidu r-riċiklaġġ tagħhom fl-ekonomija.
46. Jużaw il-potenzjal tal-infrastruttura tal-isport u l-karatteristiċi bi skopijiet multipli tagħha biex jimmassimizzaw l-użu tagħha għall-isport kif ukoll biex jaqdu l-komunitajiet.
47. Jippromwovu aċċess mingħajr ostakli għall-infrastruttura tal-isport permezz ta' diversi mezzi ta' trasport f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi, bħat-trasport pubbliku jew forom attivi ta' mobbiltà (pereżempju, il-mixi jew iċ-ċikliżmu).
48. Jippromwovu ktajjen tal-provvista sostenibbli u qosra u kriterji sostenibbli fis-sejthiet għall-offerti biex il-kuntratturi jibnu, jirrinnowaw u jwettqu manutenzjoni fuq l-infrastruttura tal-isport.
49. Jiżguraw li d-drittijiet universali tal-bniedem u tax-xogħol ta' dawk kollha affettwati mill-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni tal-infrastrutturi tal-isport jiġu rispettati.

¹⁴ Il-"kriterji ta' sostenibbiltà" jinvolvu l-indikaturi li ġejjin: il-kwalità ekoloġika, il-kwalità soċjokulturali u funzjonali, il-kwalità ekonomika, il-kwalità teknika, il-kwalità tal-proċess, il-kwalità tal-post u l-kwalità funzjonali tal-isport.

50. Jipproteġu lin-nies, lill-fawna u l-flora u lill-ħamrija qrib siti ta' kostruzzjoni tal-infrastruttura tal-isport.
51. Jikkunsidraw l-inkorporazzjoni ta' sistemi ta' ġestjoni tar-riżorsi u tal-iskart biex jitnaqqas il-konsum tal-ilma, tal-enerġija u ta' riżorsi oħra, jinkoraġġixxu konsum sostenibbli u responsabbli u jnaqqsu l-ispejjeż. Jedukaw lill-persunal, lill-viżitaturi u lil dawk li jużaw l-infrastruttura tal-isport dwar l-użu responsabbli tagħha sabiex tiġi estiża l-ħajja tagħha u jiġu ffrankati r-riżorsi naturali. Jippromwovu l-benefiċċji tal-miżuri ta' sostenibbiltà implimentati u r-rabta bejn l-iffrankar tar-riżorsi u t-tnaqqis tal-impatt tal-infrastruttura tal-isport fuq l-ambjent.
52. Jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' skemi ta' ġestjoni tal-kriżijiet għall-infrastruttura tal-isport biex jiġu evitati limitazzjonijiet operazzjonali li jirriżultaw minn eventi mhux mistennija bħall-pandemija tal-COVID-19, diżastri naturali jew kriżijiet tal-enerġija, u għall-implimentazzjoni ta' linji gwida dwar is-sikurezza u s-sigurtà biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-viżitaturi kollha tal-infrastruttura tal-isport.
53. Jaġixxu b'mod responsabbli meta jużaw l-infrastruttura tal-isport u infrastruttura relatata ma' avvenimenti waqt l-organizzazzjoni ta' avvenimenti sportivi f'ambjenti fil-magħluq u fil-beraħ billi jevitaw jew iregġġhu lura kemm jista' jkun id-disturbi ambjentali.
54. Jiffaċilitaw l-aċċess għall-infrastruttura tal-isport għall-persuni b'diżabilità u jsegwu l-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali rilevanti.
55. Fejn xieraq, jużaw u jikkontribwixxu b'mod attiv għall-bażijiet ta' data tal-isport biex tingħata u tinkiseb data rilevanti dwar il-karatteristiċi u l-post fejn tinsab l-infrastruttura tal-isport.

REFERENZI

Kunsill tal-Unjoni Ewropea

- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni tal-UE permezz tal-isport, 2018/C 196/06.
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-rappreżentanti tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar l-Aċċess għall-isport għall-persuni b'diżabilità, 2019/C 192/06.
- Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-Pjan ta' Hídma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport (1 ta' Jannar 2021 - 30 ta' Ġunju 2024), 2020/C 419/01.
- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar l-attività fiżika tul il-ħajja, 2021/C 501 I/01.
- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri dwar "L-isport u l-attività fiżika, strumenti promettenti biex tinbidel l-imġiba favur l-iżvilupp sostenibbli", 2022/C 170/01.

Referenzi oħra

- Nazzjonijiet Uniti, Dipartiment tal-Affarijiet Ekonomiċi u Soċjali - Persuni b'Diżabilità, Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD), 2006.
- Kummissjoni Ewropea, White Paper dwar l-Ispport, COM/2007/0391 final.
- UNESCO, Karta Internazzjonali dwar l-Edukazzjoni Fiżika, l-Attività Fiżika u l-Ispport, SHS/2015/PI/H/14 REV, 2015.
- Kummissjoni Ewropea, Immappjar dwar l-aċċess għall-isport għall-persuni b'diżabilità: rapport lill-Kummissjoni Ewropea, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2018.
- Nazzjonijiet Uniti, Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-aġenda 2030 għall-iżvilupp sostenibbli, A/RES/70/1.
- Nazzjonijiet Uniti, Qafas dwar l-Ispport għall-Azzjoni Klimatika, 2018.
- EUROSTAT, 39/2019, Rekord fir-rati ta' riċiklaġġ u fl-użu ta' materjali riċiklati fl-UE, 2019.
- Kummissjoni Ewropea, Inizjattiva SHARE – Kontribut tal-isport għall-iżvilupp reġjonali permezz tal-Politika ta' Koeżjoni 2021-2027, 2020.
- Kumitat Paralimpiku Internazzjonali, Gwida għall-Aċċessibilità, 2020.
- Istitut Federali Ġermaniż tax-Xjenza tal-Ispport, Linji Gwida għall-Kostruzzjoni ta' Faċilitajiet tal-Ispport Sostenibbli, Kriterji għall-Kostruzzjoni ta' Swali tal-Ispport Sostenibbli, 2021.

- Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura - Immappjar ta' Prattiki Innovattivi fl-UE għall-promozzjoni tal-isport barra mill-istrutturi tradizzjonali: rapport finali lill-Kummissjoni Ewropea, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2021.
- Kummissjoni Ewropea, Unjoni ta' Ugwaljanza, Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030, 2021.
- Kummissjoni Ewropea, Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, COM(2021)573 final.
- Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura, Lejn kultura kondiviża ta' arkitettura: investment f'ambjent ta' għajxien ta' kwalità għolja għal kulħadd: rapport tal-grupp tal-MMK (Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni) ta' esperti tal-Istati Membri tal-UE, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2021.
- Kunsill tal-Ewropa, Rakkomandazzjoni CM/Rec(2021)5 tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar il-Karta Ewropea tal-Isport Riveduta, adottata mill-Kumitat tal-Ministri fit-13 ta' Ottubru 2021 fl-1414-il laqgħa tad-Deputati tal-Ministri.
